# Kunsill Lokali Mellieħa

## Rapport Annwali Amministrattiv

## 2012

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l- Ħidma tal-Kunsill | 5 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 15 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 18 |
| Ir-Rapport tal-Uditur u l-'Financial Statements' | 20 |

Is-sena li għaddiet kienet taħbat il-ħames u l-aħħar waħda fil-mandat tas-sitt Kunsill. Il-ħidma kienet waħda bilanċjata għaliex għalkemm ġew implementati diversi proġetti kapitali, kien hemm ħidma sfiqa fil-qasam kulturali, l-edukazzjoni u fil-promozzjoni tal-lokalita`. Kienet sena li matulha immaterjalizzaw il-proġetti ewlenin li ppjana dan il-Kunsill aktar kmieni fil-mandat tiegħu. F'perjodu ta' tnax-il xahar kien hemm xejn inqas minn 26 sejħa għall-offerti li sittax minnhom jinvolvu proġetti.

Il-mira ewlenija tal-Kunsill baqgħet li jżomm l-infrastruttura li taqa' fir-responsabilita` fl-aħjar stat possibbli, filwaqt li jiżviluppa postijiet ta' rikrejazzjoni ġodda bil-għan li jtejjeb il-kwalita` tal-ħajja tar-residenti, kif ukoll jattira nies oħra minn barra l-lokalita`, inkluż it-turisti. Dan għandu jattira aktar investiment mill-privat li finalment għandu jtejjeb l-ekonomija tal-Mellieħa. Proġetti bħalma huwa l-Park tal-Familja u t-Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa, fost oħrajn, kienu ntiżi proprju biex jilħqu dan il-għan.

Sabiex il-Kunsill jidħol għal dawn l-inizjattivi li jmorru lill'hinn mill-obbligi stabbiliti fil-ligi dwar il-Kunsill Lokali, kien jeħtieġ finanzjament oltre l-allokazzjoni annwali mogħtija mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill sfrutta sorsi finanzjament, kemm minn sorsi governattivi lokali, kif ukoll permezz tal-programmi tal-Unjoni Ewropea. Biex kunsill lokali jagħmel differenza irid imur oltre.

Ma kienx possibbli għas-Sitt Kunsill li jtemm il-proġetti kapitali mnedija minnu u għalhekk ix-xogħol fuqhom mistenni li jitkompla mis-Seba' Kunsill li jrid jaħseb għall-finanzjament meħtieġ biex dawn jiġu finalizzati u f'uħud minnhom anke dwar l-amministrazzjoni tagħhom. Wieħed ukoll ma jridx iħalli barra żieda fl-ispiża rikorrenti li l-istess proġetti jġibu magħhom.

John Buttigieg
**Sindku**

## 2.1 Il-Kunsill

| **Kariga** | **Attendenza għal laqgħat** |
|---|---|
| **Il-Kunsillieri** | |
| Is-Sur Robert Cutajar - Sindku | 100% |
| Is-Sur Emvin Bartolo – Viċi Sindku | 100% |
| Is-Sur Joseph Azzopardi | 94% |
| Is-Sur Clayton Bartolo | 94% |
| Is-Sur John Buttigieg | 94% |
| Is-Sur Patrick Cutajar | 76% |
| Is-Sur Hilary Fenech | 88% |

Bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill iltaqa' sbatax-il darba.

**L-Impjegati**

Is-Sur Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sinjura Marica Azzopardi - Uffiċjal fi Skala 11

Is-Sinjura Maric De Bono – Uffiċjal fi Skala 15

Is-Sinjura Yvonne Muscat – Uffiċjal fi Skala 15

Is-Sur Jonathan Micallef – Uffiċjal fi Skala 15

Is-*set-up* li ġie stabbilit fl-ewwel seduti tas-Sitt Kunsill baqa' xi ftit jew wisq l-istess bħal dak tas-sena preċedenti. Differenza mill-Kunsilli preċedenti, hija li mhux daqshekk dipendenti fuq il-ħidma tas-sotto-kumitati. Kien għalhekk li l-Kunsill attwali ħalla r-responsabilitajiet direttament f'idejn il-Kunsillieri ndividwali. B'dan il-mod, ma kien hemm xejn li jżomm il-Kunsillieri milli jikkonsultaw ma' persuni jew organizzazzjonijiet esperti f'xi qasam partikulari, sabiex jilħqu l-għanijiet tagħhom.

Il-Kunsill jfittex li jikseb il-parir tat-*Tender Adjudication Board* li minbarra illi huwa kompost minn membri eletti fi ħdan il-Kunsill. Dan il-Bord ltaqa' disgħa darbiet. Dan il-Bord, bil-għajnuna ta' nies professjonali jidħol fl-evalwazzjoni tal-offerti u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill. Kien hemm numru relattivament kbir ta' sejħiet għall-offerti fi żmien daqshekk qasir ta' tnax-il xahar. Il-Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill fuq kuntratti li jvarjaw mill:

- Tqegħid ta' *rubber flooring* fil-Park tal-Familja;
- Installazzjoni ġdida tal-elettriku, dwal ġodda u sistema ta' pannelli fotovoltaici fi Ġnien Dun Anton Debono;
- Installazzjoni ġdida tal-elettriku, sistema ta' *CCTV cameras* u *safety fencing* fi Ġnien il-Qigħan;
- Restawr ta' irziezet, bini tat-Tieni Gwerra Dinjija u strutturi oħra biex jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;
- Rinovar tal-*playing field* fi Triq l-Erwieħ wara l-Knisja Parrokkjali;
- Pavimentar u restawr ta' bini storiku f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;
- Aċċess għall-persuni bi bżonnijiet speċjali għax-xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija fi Triq il-Kappillan Magri;
- Restawr ta' Girna u ħitan tas-sejjieħ fil-Manikata;
- Rinovar tal-bini li qabel kien is-sede tal-Mellieħa Sports Club, bil-għan li jiġi estiż l-uffiċċju tal-Kunsill;
- Kuntratti dwar il-provista ta' konkos u asfalt;
- Servizzi ta' *accountant*, u *contracts manager* relatat ma servizzi li jirrendi l-Kunsill;
- Asfaltar ta' toroq u xogħlijiet anċillari;
- Żamma ta' ġonna pubbliċi, *soft areas* u qsari;
- Żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi;
- Tindif ta' toroq rurali; u
- Stampar tal-magazin tal-Kunsill.

Bin-numru ta' kuntratti li ngħataw, ovvjament ix-xogħol amministrattiv żdied b'mod sinifikanti, partikularment bl-implimentazzjoni ta' proġetti iffinanzjati taħt programmi tal-Unjoni Ewropea jew direttament minn sorsi lokali. L-ipproċessar ta'

permessi temporanji li jinħarġu bis-saħħa ta' avviżi legali u *bye-laws* fis-seħħ huma sostanzjalment impenjattivi wkoll u jirrikjedu ċerta attenzjoni fil-kordinazzjoni tagħhom biex jinħoloq sens ta' ordni, sigurta` fit-toroq tal-lokalita` bl-inqas inkonvenjent possibbli. Biex jilqa' għal dawn l-esiġenzi, il-Kunsill iffunzjoni bis-*set-up* li jidher hawn taħt:



## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

**Titjib ta' Toroq**

Sentejn ilu l-Kunsill daħal f'*private public partnership* li jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd biex jitwettaq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier, li kien jinvolvi wkoll il-kostruzzjoni ta' bankini. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Gvern Ċentrali qed jiffinanzja 30% tal-ispiża totali, filwaqt li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-bqija permezz tal-fondi ordinarji tiegħu. Permezz ta' dan il-*partnership*, il-Kunsill qed jissellef somma flus li tintradd lura fuq medda ta' disa' snin. L-ewwel fażi ta' dan il-proġett tlestiet f'Ġunju 2011 u swiet €379,000, filwaqt li t-tieni u l-aħħar fażi tlestiet f'Ġunju 2012 u swiet ftit aktar minn €357,000, It-Tieni Fażi kienet tinvolvi il-parti bejn Triq Ramlet il-Qortin sal-Ponta tal-Aħrax.

Min-naħa tagħha, Transport Malta kompliet bix-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni ta' toroq li fadal jsiru ġewwa Santa Marija Estate u lestiet Triq l-Arżnell u Triq l-Għar u Casa fiż-żona Tas-Sellum, Triq Ta' Fuq il-Widien u Triq il-Pont. Fiż-żewġ każi tal-aħħar, il-Kunsill ħa l-opportunita` biex iqiegħed aktar *service ducts* għat-titjib tad-dwal fiż-żona ta' Santa Marija Estate. Dan involva spiża ta' €30,800.

**Dwal tat-Toroq**

Fl-2013 mistenni li Trasport Malta tibni mill-ġdid Triq il-Qasab u Triq il-Qortin, fejn jeħtieġ ukoll li jsiru *ducts* għad-dwal tat-toroq. Billi l-vot għal dan il-għan mhux biżżejjed biex ikopri l-installazzjoni ta' dwal ġodda fuq l-arbli, il-Kunsill jista' jibbenefika mill-Fond għat-Titjib Urban amministrat mill-MEPA biex jiffinanzja introduzzjoni ta' dwal ġodda fi Triq il-Pont u Triq Ta' Fuq il-Widien, wara li saru d-*ducts* ta' taħt art..

**Żvilupp ta' Postijiet ta' Rikrejazzjoni**

Fi Frar 2011 ġie inawgurat Ġnien Ħidmet il-Volontarjat fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*. Sfortunatament sal-perjodu kopert b'dan ir-rapport kien għadu mingħajr dawl minħabba li ma nħariġx il-*complaince certificate* mill-MEPA. Sabiex il-proġett jinġieb konformi mal-kundizzjoni imposti fil-permess maħruġ mill-MEPA, saru tliet *pedestrian crossings* bid-dwal, sinjali u tabelli tat-traffiku. Hekk kif Transport Malta

ċċertifikat l-arranġamenti tat-traffiku saret talba sabiex jinħareġ il-*compliance certificate* mill-MEPA. B'hekk, l-Enemalta tipprovdi s-servizz tal-elettriku fil-*playing field* u jinxtgħelu d-dwal tiegħu. Il-ksib ta' dan iċ-ċertifikat huwa mportanti biex il-Kunsill jieħu l-aħħar pagament ta' €14,700 mis-somma li għad fadallu jdaħħal mill-Fond għat-Titjib Urban, li huwa amministrat mill-istess MEPA.

Il-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ inbidel totalment bit-tneħħija taċ-ċint li kien qed jgħatti l-veduta sabiħa tal-Wied tal-Madonna u tal-Bajja tal-Għadira. Kważi nbidel il-*play equipment* kollu, filwaqt li l-bankijiet u d-dwal saru kollha ġodda. Twaqqaf ukoll monument tal-artist Mellieħi Ġorġ Fenech. Ittieħdet din l-opportunita` biex ġew trattati ċerti aspetti li kienu qed jikkawżaw nuqqas ta' siġurta` għat-tfal, li kienu ġew rilevati f'rapport li sar mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority*. Il-proġett sewa ftit iktar minn €91,000, li €78,000 ser jiġu rkuprati mingħand il-MEPA permezz tal-Fond għat-Titjib Urban.

Il-proġett tal-*floodlighting* tal-Knisja Parrokkjali u s-Santwarju flimkien mat-toroq tal-madwar, twettaq u kompla jiġi mtejjeb bid-dwal tal-koppla. L-ispiża fuq dan il-proġett mistennija tlaħħaq €63,000.

B'nefqa ta' €63,500 sar xogħol estensiv fi Ġnien Dun Anton Debono u Ġnien il-Qigħan, fejn inbidlet is-sistema tad-dwal diffettuża li kien hemm qabel u ġew installati dwal ġodda. Fl-istess ġnien ġew installati pannelli fotovoltaiċi permezz ta' sussidju mogħti mill-gvern ċentrali. Ġnien il-Qigħan, safa l-mira tal-vandali diversi drabi u għalhekk ġiet nstallata sistema ta' *CCTV* li tittrasmetti u tirreġistra l-immaġini permezz ta' apparat li ġie pprovdut fl-uffiċċju tal-Kunsill. Hawnhekk ukoll il-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* indikat numru ta' fatturi li ġew indirizzati bil-għan li titjib fis-sigurta` għat-tfal u għal min jiffrekwenta dan il-post. Is-sistema tad-dwal f'dan il-ġnien ukoll ilha tagħti l-problemi u fil-fatt inbidlet mill-qiegħ. Sar ukoll *safety fence* li jifred id-Dar tal-Anzjani mill-istess ġnien, peress li jeżisti diżlivell qawwi. It-total tan-nefqa f'dan il-post ammontat għal €40,000. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ ġonna baqa' xi ftit delużi, peress li kienet tħabbret skema ta' finanzjament

mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali illi wara ġiet irtirata u għalhekk l-ispiża ser kellha titħallas kollha mill-fondi ordinarji tal-Kunsill.

## Ħarsien u Dgawdija tal-Wirt Storiku

Proġett li kien mmirat lejn il-ħarsien u l-apprezzament tal-wirt storiku huwa dak ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, li f'ċerti aspetti tiegħu kien kontroversjali, partikularment minħabba t-trasferiment tas-siġar tal-ficus, kif ukoll biex saret il-bidla minn parkeġġ għal żona pedonali. Minkejja dan, kien hemm koperazzjoni sħiħa mal-entitajiet pubbliċi biex is-servizzi kollha ġew trasferiti għal taħt l-art u x-xogħol mexa kif kien ippjanat. Il-proġett kien jinvolvi t-tneħħija tal-aperturi tal-aluminju u l-ħadid ma' bini, inbidel il-puġġaman l-qadim u sar wieħed tal-ħadid, kif ukoll sar pavimentar tal-porfido mżewwaq bil-ġebel tal-qawwi, flimkien ma' *water feature*. L-aċċess għall-misraħ ġie ristrett u hekk sar żona pedonali, fejn wieħed jista' jieqaf u jġawdi l-madwar. Biex seta jitwettaq dan il-proġett il-Kunsill ser ikun irċieva b'kollox €408,000, iżda l-proġett kollu mistenni li jiġi jiswa' €504,000, fejn id-differenza ta' €96,000 jrid jagħmel tajjeb għalihom mill-fondi ordinarji tiegħu. Il-Kunsill wasal fi ftehim mad-Dipartiment tal-Pulizija sabiex kamra mill-għassa tintuża bħala *tourist information office,* minflok dik li twaqqgħet biex il-misraħ ingħata dehra isbaħ. L-uffiċċju reġa nfetaħ mill-ġdid f'Diċembru li għadda wara li ġie attrezzat bl-involviment tal-Kunsill.

Fi Frar 2012 ġie ffirmat il-ftehim mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar id-devoluzzjoni ta' numru ta' beni pubbliċi f'Selmun u l-Imġiebaħ bil-għan li jinħoloq *heritage trail*. Dan il-għan mistenni li jintlaħaq bir-restawr tal-irziezet li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun. Il-proġett jinvolvi miġbħa antika li għadha wżata għat-trobbija tan-naħal, żewġ *pill boxes* u *beachpost* tat-Tieni Gwerra Dinjija, kif ukoll it-tiswija tal-ilqugħ għall-ilma tax-xita li jinsab fil-Ballut tal-Imġiebaħ. Flimkien mal-entitajiet konċernati qed isir eżerċiżżju biex jitneħħew il-*cables* li saru maż-żmien qrib l-irżieżet u quddiem il-Palazz ta' Selmun. Għaldaqstant qed sar *service culvert* biex il-*cables* ġew trasferiti għal ġo fiħ u tneħħew l-arbli li kien hemm. Kif semmejt aktar kmieni, ingħataw ħames kuntratti biex jitwettaq ix-xogħol meħtieġ, liema xogħol qed attwalment jitwettaq. Attwalment għaddejjin kuntatti mal-Fondazzjoni ARKEO, li hija

NGO Melleħija, u wriet interess fit-tmexxija ta' kuljum tal-*heritage trail*. Dan huwa proġett kemmxejn estensiv u jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq 'il fuq minn €1,069,000 – spiża li tmur lill'hinn mill-mezzi li għandu l-Kunsill. Bix-xogħol li sar sal-perjodu kopert b'dan ir-rapport, kienu diġa tħallset 58% ta' din is-somma. Il-finanzjament ta' dan il-proġett huwa possibbli mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rural – Miżuri 313 u 323.

## L-Uffiċċju Amministrattiv

F'Awwissu 2012 kien iffirmat il-kuntratt bejn il-Kunsill u l-Mellieħa Sports Club, biex ġie akkwistat il-fond li qabel kien iservi ta' sede tal-istess għaqda. Dan wara li nħarġu l-permessi kollha meħtieġa mill-MEPA, biex ikun jista' jintuża bħala uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Inħarġu wkoll permessi mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment u mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-prezz miftieħem bejn il-partijiet huwa ta' €210,000, bl-aħħar pagament skedat li jitħallas f'Diċembru 2013, bil-għan li tiġi evitata l-ħtieġa li l-Kunsill jirrikorri għas-self mill-bank. Sa l-aħħar tal-2012 tħallas €131,250 minn dan il-prezz. Għas-sena finanzjarja 2013, ġew ivvutati €107,000 biex isir ir-rinovar tal-bini akkwistat.

## Faċilitajiet Sportivi

Ix-xogħol fuq is-sit fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ beda f'Ġunju 2010 u sa Diċembru 2013 kien jonqsu ftit irtokki, tant li tlesta wkoll l-*open air gymnasium*, id-dawl, ir-*rubber flooring* tal-korsa u l-*multi-purpose court*. Il-materjal kollu ġie ffinanzjat mill-Kunsill, filwaqt li l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali pprovda l-ħaddiema tiegħu jew ta x-xogħol lil kuntratturi privati, fejn ma setax jasal bil-ħaddiema tiegħu. In-nefqa tal-Kunsill, fuq dan il-proġett matul is-sena li għaddiet, laħqet €379,000, fl-2011 kienet €172,000 u fl-2010 kienet €180,000 u b'hekk it-tieni fażi tal-Park tal-Familja s'issa ġiet tiswa €731,000. Billi jeżistu pagamenti li għadhom ma ġewx konklużi mix-xogħlijiet li saru s'issa, ġew ivvutati €173,600 għall-2013. Il-pagamenti pprogrammati huwa relatati mad-dwal; passaġġi bil-*printed concrete*, *rubber flooring*, drittijiet professjonali tal-periti. Il-Kunsill għaddej bil-kuntatti mal-MEPA bil-għan li jinħareġ il-*compliance certificate* u hekk inkunu jingħataw is-servizzi tal-elettriku u l-ilma.

**Il-Manikata**

Il-Kunsill jidhirlu li l-Manikata għandha tkun tifforma parti ntegrali mill-programm għall-iżvilupp u titjib tal-lokalita`.Kien mistenni li l-MEPA toħroġ il-permess sabiex tiġi mħarsa parti oħra mill-wirt storiku tal-Manikata, bil-ħolqien ta' *heritage trail* fiż-żona ta' wara l-knisja. Wara sejħa għall-offerti, ingħata kuntratt li jinvolvi restawr ta' ħitan tas-sejjieħ u girna illi għaliħ ġew ivvutati €39,000. Dan forsi jista' jintrabat ma' attrazzjoni oħra – dik tal-Park tal-Majjistral li qed jiġbed numru ta' viżitaturi, minn tfal tal-iskola sa żjarat organizzati għall-adulti.

Matul din is-sena, il-Kunsill tkomplew il-kuntatti ma' Transport Malta bil-għan illi ssir it-triq li tgħaddi biswit Ġnien iż-Żerniq u tiżbokka fi Triq Dun Manwel Grima. Issa huwa magħruf li din it-triq ser issir kmieni fl-2013. B'dan il-mod Misraħ il-Parroċċa, quddiem il-Knisja jkun jista' jsir żona pedonali, fejn ikun possibbli li jsiru attivitajiet mingħajr xkiel u periklu. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill ser jara li jtejjeb id-dehra ta' Misraħ u fil-fatt saret applikazzjoni lill-MEPA sabiex Misraħ il-Parroċċa jinbidel f'żona pedonali u jiġi pavimentat.

**L-Iskola Primarja**

Il-Kunsill jemmen li l-Iskola Primarja u l-faċilitajiet marbuta magħha għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-komunita` Melleħija. Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill nefaq €3,120 biex sa rinovar tat-*toilets* tas-sala, bil-bdil ta' madum u *fittings* ġodda. Dawn il-faċilitajiet jintużaw l-aktar mill-għaqdiet Melleħin li jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom fl-istess sala.

**Il-Qasam Sportiv**

Ingħata kontribut fl-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet sportivi, bħalma hija l-Maratona tal-Atletika, fil-kompetizzjonijiet ta' sparar fuq il-plattini, il-*penalty shoot-out*, il-*league* li jsir qabel jiftaħ l-istaġun tal-futbol, fin-netball, basketball, volleyball eċċ. Il-Kunsill kompla jorganizza *leagues* tas-*snooker* u l-*American Pool*, is-*Seaside*

*Slam* f'Għadira. Kif aċċennajt aktar qabel, beda jsir użu limitat mill-faċilitajiet sportivi ġewwa l-Park tal-Familja bl-użu tal-*courts* għat-*training* mit-tim tan-netball u l-basketball. Il-Kunsill kien strumentali wkoll biex l-assoċjazzjonijiet li jagħmlu użu mill-*courts* jottjenu finanzjament sabiex jinxtraw l-attrezzi għall-istess *courts,* permezz ta' għotjiet mill-Fond għall-Kawżi Ġusti amministrat mill-Ministeru tal-Finanzji u l-Investiment.

Il-Kunsill ħass li jkun xieraq illi l-isforzi u s-sagrifiċċji li jagħmlu l-isportivi u l-uffiċjali għandhom jingħataw rikonoxximent uffiċjali mill-Kunsill waqt attivita` li ttellgħet għar-raba' sena konsekuttiva, f'Lulju li għadda fi Ġnien il-Qigħan. L-edizzjoni li għaddiet tmexxiet fuq kriterji riveduti bbażati fuq l-esperjenza tat-tliet edizzjonijiet preċedenti u fiha ġiet rikonoxxuta l-ħidma ta' ħames sportivi u uffiċjali ġejjin mid-dixxiplini tal-futbol, baseball, atletika u t-tlielaq tal-karozzi. Biex nevalwaw il-kontribut tagħna fil-qasam sportiv fuq il-livell nazzjonali, kemm f'dak li huwa titjib ta' infrastruttura, kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi, il-Kunsill ressaq in-nomina għal-*Local Council Award* mogħti mill-Kumitat Olimpiku Malti. Fl-edizzjoni ta' Diċembru 2012, il-Kunsill tal-Mellieħa ġie kklassifikat fit-tielet post, wara li fl-2011 ġie *runner-up*, filwaqt li fl-2010 ġie fl-ewwel post.

## Il-Ġemellaġġi u Attivitajiet Popolari

It-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa ġew mistiedna jipparteċipaw fl-Iljieli Mellieħin tas-sajf li għadda. Il-Kunsilli Lokali ta' Cavriglia u dak ta' Adenau ħadu sehem fl-Iljieli Melleħin permezz ta' mużiċisti u kantanti ġejjin minn dawn il-lokalitajiet. Il-Kunsill Lokali ta' Agia Napa f'Ċipru stieden lill-Kunsill tal-Mellieħa sabiex jattendi għall-*festival* li jsir ta' kull sena*,* li seħħ lejn l-aħħar ta' Settembru. Ittieħdet l-opportunita` biex jittella' *stand* promozzjonali tal-attrazzjonijiet li għandna fil-Mellieħa, permezz tal-arti u l-artiġġjanat.

F'April sar il-Festival tal-Piroteknika bil-kollaborazzjoni mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, li kien jikkonsisti min-nar tal-art u tal-ajru, minn diversi kmamar tan-nar f'Malta. Ir-raba' edizzjoni tal-*Animal Fest*, li seħħet fl-Mejju f'Selmun, kienet

tikkonsisti f'wirjiet ta' *pets* u tpingija mit-tfal*,* fost *items* oħra. F'Ġunju saret il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, filwaqt li f'Settembru, il-Mellieħa ħadet sehem fil-*Car Free Day*, li din id-darba kienet tinvolvi l-Park tal-Familja u Selmun.

Biex dawn l-attivitajiet ma jkunux ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill, inkisbet għajnuna mill-Gvern Ċentrali permezz tal-iskemi li ġew introdotti għal dan il-għan, kif ukoll minn entitajiet privati. Jeħtieġ sforz mhux żgħir biex jiġu rkuprati parti mill-ispejjeż li jsiru f'dan il-qasam. Bejn Jannar u Diċembru 2012, il-Kunsill ser ikun daħħal iktar minn €25,800 bħala *sponsorship* b'risq l-attivitajiet li organizza - il-parti l-kbira taħt l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali, amministrata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Attivitajiet tal-kalibru tal-Iljieli Melleħin u Milied Mellieħi jgħinu biex jitkattar il-kummerċ billi jiġu attirati nies minn barra il-lokalita` u t-turisti li jkun hawn fostna. Dan il-kontribut ġie rikonoxxut mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, bl-għoti tan-*National Enterprise Award* li kien jinvolvi premju ta' €20,000. Wieħed irid jaċċenna wkoll li jkun hemm għaqdiet, entitajiet kummerċjali u individwi, li għalhemm ma jikkontribwux bi flus, jagħtu sehemhom b'mezzi oħra biex dawn l-attivitajiet ikunu possibbli.

**<u>Finanzjament ta' Inizjattivi mill-Unjoni Ewropea</u>**

Fil-qasam kulturali l-Kunsill ipparteċipa f'żewġ proġetti ta' natura kulturali u ambjentali ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, permezz tal-programmi EUROPE FOR CITIZENS u YOUTH. L-ewwel proġett bl-isem *Terra Mirabilis,* twettaq flimkien mal-Comune di Casalborgone f'Turin l-Italja, flimkien ma' żewġ lokalitajiet oħra - dik ta' Cugir fir-Rumanija u Vecipielbalga fil-Latvia. Dan jittratta diversi aspetti li jikkonċernaw il-ħarsien u l-potenzjal tat-territorju, liema tema qed tiġi trattata permezz ta' konferenzi f'kull lokalita` msieħba. L-ewwel konferenza saret f'Casalborgone bejn is-17 u 19 ta' Settembru 2011, filwaqt li t-tieni waħda saret proprju fil-Mellieħa, bejn is-6 u t-8 ta' Ottubru 2012, fejn ġew ppreżentati diversi *papers* minn nies esperti fil-qasam ambjentali. Il-konferenza li jmiss mistennija illi ssir f'Casalborgone f'Mejju 2013. It-tieni proġett – illi wieħed jista' jgħid li twettaq b'riżultat tal-kuntatti li saru bis-saħħa tal-proġett *Terra Mirabilis* - kien jinvolvi grupp ta' żgħażagħ minn Vecipielbalga u minn Cugir, li ġew ospitati fil-Mellieħa, fejn

ipparteċipaw flimkien ma' żgħażagħ Melleħin fuq proġett bl-isem *Young@heart*. Biex setgħu jitwettqu dawn iż-żewġ proġetti l-Kunsill ibbenefika minn għotja ta' ftit inqas minn €22,400 mill-Unjoni Ewropea.

## Fora

Il-Kunsill kien strumentali biex flimkien man-Nature Trust ospita` l-*Eco-School National Operators Meeting* 2012, bejn it-8 u l-11 ta' Novembru 2012. 'Il fuq minn 80 delegat minn madwar id-dinja attendew. Din l-okkażjoni ċertament li serviet sabiex l-istess delegati jiffamiljarizzaw ruħhom mal-lokalita`, pajjiżna u l-kultura tagħna. Din il-konferenza kienet possibbli permezz ta' finanzjament parzjali mill-Ministeru tal-Finanzji, l-Ekonomija u l-Investiment u entitajiet governattivi oħra bħall-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impiegi u l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura.

## Kontroll f'Postijiet ta' Rikrejazzjoni

Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill kompla għaddej bl-infurzar ta' *Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ, li jirregolaw l-ikkampjar u l-*barbecues*. Dan isir permezz ta' *patrols* mill-Gwardjani Lokali u l-Pulizija. Bil-għan li titjieb is-sigurta` fiż-żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Ahrax, qed naraw li nsibu bilanċ bejn id-delizzju tal-kaċċa u l-ikkampjar fiż-żona tal-Aħrax, billi naqqasna l-area fejn jista' jsir l-ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa. Forsi dan l-kontroll jista' jiġi imwettaq b'mod aktar effettiv kemm-il darba il-Gvern jassenja persuna li taqdi l-funzjoni ta' *ranger* fil-*camping areas* tal-Aħrax matul il-ġranet kollha tal-ġimgħa.

F'Ottubru li 2012 daħal fis-seħħ kuntratt ġdid dwar iż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. Erba' mis-sitt latrine pubbliċi li jeżistu fil-lokalita, jinsabu fejn il-baħar. Il-kuntratt il-ġdid ikopri ħinijiet itwal matul ix-xhur tas-sajf bil-għan li l-latrini jibqgħu miftuħin sa nofs il-lejl, bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd u sad-9.00 ta' bil-lejl fil-bqija tal-ġranet.

## Ġbir tal-Iskart

F'Diċembru 2012 ġie fi tmiemu l-ewwel ftehim mal-kumpanija Green MT Ltd sabiex jinġabar l-iskart riċiklabbli tal-boroż il-griżi kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. L-istess ftehim jipprovdi wkoll għat-tbattil tal-*bins* fl-għoxrin-il *bring-in site* li għandna fil-lokalita`, liema servizzi qed jingħataw lill-Kunsill mingħajr ħlas. L-istess kumpanija pprovdiet numru ta' *litter bins* għas-separazzjoni tal-iskart fil-bajjiet ewlenin, kif ukoll qassmet numru ta' boroż griżi lir-residenti li servew għal numru ta' ġimgħat, sakemm ir-residenti draw bis-sistema l-ġdida. Skont statistika ppubblika mill-WasteServ (Malta) Ltd, bejn Jannar u Settembru 2012 kienu nġabru 104 tunnellata ta' skart reċikklabbli mill-*bring in sites* fil-Mellieħa biss.

## L-Edukazzjoni

Il-Kunsill daħal fl-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Permezz tagħha ngħataw żewġ korsijiet fil-lingwa Maltija għall-Barranin. Bil-koperazzjoni ma' entita` privata ġew issussidjati korsijiet fl-użu tal-kompjuter għal nies ta' etajiet varji. Bil-kollaborazzjoni ma' ditta oħra ġew organizzati korsijiet nawtiċi.

## Servizzi fil-Komunita`

Il-Kunsill huwa mpenjat fit-tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, kif ukoll fin-*Night Shelter* li jinsabu f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Matul is-sena li għaddiet il-Kunsill iffinanzja xi attrezzi u attivitajiet li jseħħu f'dawn il-postijiet, kif ukoll għamel tajjeb għal servizz ta' tindif tal-aperturi tal-istess Ċentru. Il-Kunsill kien strumentali wkoll biex l-anzjani li jużaw il-faċilitajiet f'din id-dar jagħmlu użu mill-kompjuters li tpoġġew għad-disposizzjoni tagħhom. Minn wera l-interess, ġie mgħallem jikkomunika mal-qraba tiegħu permezz tal-iSkype.

Ingħataw l-faċilitajiet u l-attrezzi meħtieġa biex f'Mejju 2012, uffiċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali bdew jattendu kull nhar ta' Ġimgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill bil-għan li wieħed ma jkollux għalfejn imur l-uffiċċju distrettwali tal-Qawra. Matul ix-xhur tas-sajf is-servizz ingħata nhar t'Erbgħa wkoll.

Barra minn dan il-Kunsill ikkordina l-għoti tal-injezzjonijiet tal-influwenza lill-persuni li għandhom 'il fuq minn 55 sena u anke dawk li huma *bedridden*. Ftit inqas minn 800 persuna bbenefikaw minn dan is-servizz.

Servizz ieħor li ngħata b'risq il-komunita` kien dak tas-*summer camp* imsejjaħ AvventuraSajf, għat-tfal bejn Kinder 1 sa Year 3, li ġie msaħħaħ permezz ta' għalliema u *learning support assistants* kwalifikati, mgħejjuna minn studenti universitarji mill-Fakolta` tal-Edukazzjoni u *helpers*. Il-proġett AvventuraSajf jibbenefikaw minnu ħafna ġenituri, partikularment ommijiet jaħdmu, li altrimenti jkollhom problema jagħmlu hekk fil-perjodu tas-sajf meta t-tfal ikunu bil-vaganzi. Ittieħdet din l-opportunita` biex it-tfal li attendew jitrawmuhom fl-użu tal-kompjuter permezz ta' kors addatat għalihom. Minbarra l-logħob u *crafts*, it-tfal kienu nvoluti f'attivitajiet barra mill-iskola, bħal għawm u żjarat edukattivi. In-numru ta' tfal qed kulma jmur jikber, tant li din is-sena kellna l-akbar konkorrenza s'issa billi attendew 142.

## Il-Qasam Letterarju u Mużikali

Fit-2 ta' Marzu, waqt is-serata ta' Jum il-Kunsill tnieda l-film *musical* bl-isem "L-Imħabba fuq il-Għolja". Dan kien ibbażat fuq il-produzzjoni *live* tal-istess *musical* li saret sena qabel f'Jum il-Kunsill 2011. Aktar tard, il-film ħareġ fis-cinemas. L-ispiża fuq din il-produzzjoni ammonta għal €5,000 li ġew irkuprati kollha permezz ta' skema amministrata mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Din kienet novita` li nvolviet diversi kantanti Melleħin li ġew iffirmjati jkantaw *on location* f'diversi postijiet fil-lokalita`.

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | b | a+b | c | d | (a+b)-d |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2012 ATTWALI JAN-DIC Eur** | **2012 MARBUTA JAN-DIC Eur** | **2012 TOTAL JAN-DIC Eur** | **2011 TOTAL Eur** | **2012 ESTIMI JAN-DIC Eur** | **VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 1,070,588.23 | 34,937.77 | 1,105,526.00 | 1,160,169.39 | 1,607,113.00 | 501,587.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 51,739.00 | 0.00 | 51,739.00 | 72,576.29 | 16,700.00 | (35,039.00) |
| 0090 | L-Investiment | 9,973.00 | 0.00 | 9,973.00 | 10,528.50 | 10,000.00 | 27.00 |
| 0100 | Ġenerali | 17,815.00 | 0.00 | 17,815.00 | 140,899.08 | 36,745.00 | 18,930.00 |
| | **TOTAL** | **1,150,115.23** | **34,937.77** | **1,185,053.00** | **1,384,173.26** | **1,670,558.00** | **485,505.00** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 113,945.00 | 0.00 | 113,945.00 | 102,553.86 | 114,047.17 | 102.17 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 625,303.00 | 0.00 | 625,303.00 | 559,694.52 | 728,699.92 | 103,396.92 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 1,291,143.08 | 0.00 | 1,291,143.08 | 939,792.44 | 1,961,991.00 | 670,847.92 |
| | **TOTAL** | **2,030,391.08** | **0.00** | **2,030,391.08** | **1,602,040.82** | **2,804,738.09** | **774,347.01** |
| | **Bilanċ** | **(880,275.85)** | **34,937.77** | **(845,338.08)** | **(217,867.56)** | **(1,134,180.09)** | **(288,842.01)** |

Noti:

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| | | a | b | a+b | c | d | (a+b)-d |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2012 ATTWALI JAN-DIC Eur | 2012 MARBUTA JAN-DIC Eur | 2012 TOTAL JAN-DIC Eur | 2011 TOTAL Eur | 2012 ESTIMI JAN-DIC Eur | VARJANZA MA` L-ESTIMI Eur |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 995,309.00 | | 995,309.00 | 952,922.76 | 990,928.00 | (4,381.00) |
| 0002 | Supplimentari | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | 2,900.00 | | 2,900.00 | 50,950.00 | | (2,900.00) |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 72,379.23 | 34,937.77 | 107,317.00 | 156,296.63 | 616,185.00 | 508,868.00 |
| | | **1,070,588.23** | **34,937.77** | **1,105,526.00** | **1,160,169.39** | **1,607,113.00** | **501,587.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 13,070.00 | | 13,070.00 | 31,797.11 | 9,800.00 | (3,270.00) |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 5,510.00 | | 5,510.00 | 22,484.94 | 300.00 | (5,210.00) |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 4,467.00 | | 4,467.00 | 1,928.24 | 1,600.00 | (2,867.00) |
| 0070 | Fondi tal-Unjoni Ewropea | 28,692.00 | | 28,692.00 | 16,366.00 | 5,000.00 | (23,692.00) |
| | | **51,739.00** | **0.00** | **51,739.00** | **72,576.29** | **16,700.00** | **(35,039.00)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 9,973.00 | | 9,973.00 | 10,528.50 | 10,000.00 | 27.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | 0.00 | | | 0.00 |
| | | **9,973.00** | **0.00** | **9,973.00** | **10,528.50** | **10,000.00** | **27.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 0.00 | | 0.00 | 3,300.48 | 500.00 | 500.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 17,815.00 | | 17815.00 | 137,598.60 | 36,245.00 | 18,430.00 |
| 0141 | Insurance Claims | | | 0.00 | | | |
| | | **17,815.00** | **-** | **17,815.00** | **140,899.08** | **36,745.00** | **18,930.00** |
| | TOTAL | **1,150,115.23** | **34,937.77** | **1,185,053.00** | **1,384,173.26** | **1,670,558.00** | **485,505.00** |

**Noti:**

## 4.3. L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettal

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>2012<br>ATTWALI<br>JAN-DIC<br>Eur | b<br>2012<br>MARBUTA<br>JAN-DIC<br>Eur | a+b<br>2012<br>TOTAL<br>JAN-DIC<br>Eur | c<br>2011<br>TOTAL<br>Eur | d<br>2012<br>ESTIMI<br>JAN-DIC<br>Eur | (a+b)-d<br>VARJANZA<br>MA` L-ESTIMI<br>Eur |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 8,905.00 | | 8,905.00 | 9,561.23 | 9,622.00 | 717.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 78,892.00 | | 78,892.00 | 69,541.09 | 77,810.00 | (1,082.00) |
| 1300 | Bonus | 7,122.00 | | 7,122.00 | 5,802.21 | 6,979.17 | (142.83) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,191.00 | | 1,191.00 | 1,053.75 | 1,211.00 | 20.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 7,604.00 | | 7,604.00 | 6,300.74 | 7,125.00 | (479.00) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | | 0.00 | | | 0.00 |
| 1700 | Sahra | 1,431.00 | | 1,431.00 | 1,494.84 | 2,500.00 | 1,069.00 |
| 1800 | L-Onorarju tal-Kunsillieri | 8,800.00 | | 8,800.00 | 8,800.00 | 8,800.00 | 0.00 |
| | | **113,945.00** | **0.00** | **113,945.00** | **102,553.86** | **114,047.17** | **102.17** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/iEura/tel. etc.) | 18,580.00 | | 18,580.00 | 17,808.34 | 16,165.00 | (2,415.00) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 4,326.00 | | 4,326.00 | 2,509.50 | 3,800.00 | (526.00) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 103,084.00 | | 103,084.00 | 82,098.20 | 192,100.00 | 89,016.00 |
| 2400 | Kera | 2,207.00 | | 2,207.00 | 1,248.82 | 2,700.00 | 493.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/nazzjonali | 344.00 | | 344.00 | 552.00 | 1,200.00 | 856.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 9,866.00 | | 9,866.00 | 6,593.16 | 9,000.00 | (866.00) |
| 2700 | Trasport | 3,612.00 | | 3,612.00 | 2,795.46 | 3,900.00 | 288.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 821.00 | | 821.00 | 1,549.52 | 3,800.00 | 2,979.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 19,581.00 | | 19,581.00 | 15,136.05 | 23,300.00 | 3,719.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 311,266.66 | | 311,266.66 | 299,166.71 | 316,671.00 | 5,404.34 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 15,841.00 | | 15,841.00 | 17,817.96 | 21,100.00 | 5,259.00 |
| 3200 | Taħriġ | 24,100.84 | | 24,100.84 | 24,100.84 | 17,900.00 | (6,200.84) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 61,864.10 | | 61,864.10 | 59,536.08 | 87,100.00 | |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 3,735.49 | | 3,735.49 | 3,735.49 | 3,100.00 | |
| 3600 | LES Spejjez tal-Infurzar Lokali | 10,910.91 | | 10,910.91 | 10,910.91 | 2,000.00 | (8,910.91) |
| 3700 | Progetti tal-Unjoni Ewropea | 30,430.00 | | 30,430.00 | 10,218.28 | 10,000.00 | (20,430.00) |
| 3800 | Gemellaggi | 4,733.00 | | 4,733.00 | 3,917.20 | 14,863.92 | 10,130.92 |
| | | **625,303.00** | **0.00** | **625,303.00** | **559,694.52** | **728,699.92** | **78,796.51** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | 123,973.00 | | 123,973.00 | 23,800.00 | 134,450.00 | 10,477.00 |
| 7100 | Bini | | | - | | 0.00 | - |
| 7200 | Titjib | 5,442.00 | | 5,442.00 | 78,342.06 | 99,000.00 | 93,558.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 1,144.00 | | 1,144.00 | 1,946.38 | 3,000.00 | 1,856.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 1,160,584.08 | | 1,160,584.08 | 835,704.00 | 1,725,541.00 | 564,956.92 |
| | | **1,291,143.08** | **0.00** | **1,291,143.08** | **939,792.44** | **1,961,991.00** | **670,847.92** |
| | TOTAL | **2,030,391.08** | **0.00** | **2,030,391.08** | **1,602,040.82** | **2,804,738.09** | **749,746.60** |

## 6.1 HSBC Bank Savings Account

| Bank statement balance | €171,752.00 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/12 not appearing on bank statement | €- |
| Less withdrawals made by 31/03/12 not appearing on bank statement | €- |
| **Net bank balance** | **€171,752.00** |

| Bank book balance as of | €171,752.00 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/12 | €- |
| Less charges paid by31/12/12 | €- |
| **Net bank book balance** | **€171,752.00** |

## 6.2 HSBC Bank Current Account

| Bank statement balance | €1,164.69 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/12 not appearing on bank statement | € - |
| Less unpresented cheques | €74,068.53 |
| **Net bank balance** | **-€72,903.84** |

| Bank book balance as of | -€72,903.84 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/12 | €- |
| Less charges paid by31/12/12 | €- |
| **Net bank book balance** | **-€72,903.84** |

## 6.3 HSBC Bank Fixed Term Account - 3 Months

| Bank statement balance | €58,234.34 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/12 not appearing on bank statement | € - |
| Less withdrawals made by 31/03/03 not appearing on bank statement | € - |
| **Net bank balance** | **€58,234.34** |

| Bank book balance as of | €58,234.34 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/12 | € 199.29 |
| Less charges paid by31/12/12 | € - |
| **Net bank book balance** | **€58,433.63** |

## 6.4 HSBC Bank Fixed Term Account - 6 Months

| Bank statement balance | €174,703.00 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/12 not appearing on bank statement | € - |
| Less unpresented cheques | € - |
| **Net bank balance** | **€174,703.00** |

| Bank book balance as of | €174,703.00 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/12 | € 676.49 |
| Less charges paid by31/12/12 | € - |
| **Net bank book balance** | **€175,379.49** |

## 6.5 BOV Savings Account

| Bank statement balance | €221,725.79 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/12 not appearing on bank statement | € - |
| Less withdrawals made by 31/03/03 not appearing on bank statement | € - |
| Net bank balance | €221,725.79 |

| Bank book balance as of | €466,910.83 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/12 | €12.23 |
| Less charges paid by31/12/12 | € - |
| Net bank book balance | €466,923.06 |

## 6.6 BOV Current Account

| Bank statement balance | €79.49 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/12 not appearing on bank statement | € - |
| Less unpresented cheques | €3,372.72 |
| Net bank balance | -€3,293.23 |

| Bank book balance as of | -€3,293.23 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/12 | € - |
| Less charges paid by31/12/12 | € - |
| Net bank book balance | -€3,293.23 |

## 6.9 BOV Bank Fixed Term Account - 3 Months

| Bank statement balance | €58,234.34 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/12 not appearing on bank statement | € - |
| Less withdrawals made by 31/03/03 not appearing on bank statement | € - |
| Net bank balance | €58,234.34 |

| Bank book balance as of | €58,234.34 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/12 | €144.16 |
| Less charges paid by31/12/12 | € - |
| Net bank book balance | €58,378.50 |

## 6.10 BOV Bank Fixed Term Account - 6 Months

| Bank statement balance | €174,703.00 |
|---|---|
| Plus deposits made by 31/12/12 not appearing on bank statement | € - |
| Less unpresented cheques | € - |
| Net bank balance | €174,703.00 |

| Bank book balance as of | €174,703.00 |
|---|---|
| Plus interest paid by 31/12/12 | € 505.08 |
| Less charges paid by31/12/12 | € - |
| Net bank book balance | €175,208.08 |
| Total Net Balance | € 1,029,877.69 |

_____________________________ Carmel Debono – **Segretarju Eżekuttiv**

**Rapport Annwali tal-Uditur – Sena Finanzjarja 2012**